MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2004

Appell Kriminali Numru. 194/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)
Vs
Herman McKay
Stiano Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1) fit-22 ta’ Settembru, 2003, ghall-habta ta’ bejn is-seba’ w nofs u t-tmienja ta’ filghaxija, f’Hal Luqa, ikkommettew serq ta’ vettura tal-marka Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni DBJ 556, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ George Mifsud minn Hal Luqa;

2) f'dawn l-ahhar jiem f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, bi skur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) f'dawn l-ahhar jiem f'dawn il-Gzejjer, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienu hekk saru jafu, bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4) f'dawn l-ahhar jiem f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, saqu vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni originali DBJ 556 minghajr in-numri tar-registrazzjoni mwahhla w minghajr il-licenzzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqu l-istess vettura minghajr ma kellhom licenzja specifikata biex isuqu l-imsemmija vettura, b'hekk ma kienitx koperta b'polza tas-sigurta ghal terzi persuni;
5) naqsu li fi zmien sebat ijiem jaghtu avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ix-xiri ta' vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni DBJ 556, bi ksur tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
6) **Lil Herman McKay wahdu talli :** kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Frar 2002, liema sentenza kien gie misjub hati w lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;
7) **Talli sar recidiv ai termini tarl-**Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' malta;
8) **Lil Stiano Agius wahdu talli :** fid-29 ta' Settembru, 2003, ghall-habta tad-disa' w nofs ta' filghaxija, f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal Qormi, kellu fil-pussess tieghu diversi armi li jaqtghu w bil-ponta, kif ukoll harpoon tal-marka "Asso 50", minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 t'Ottubru, 2003 li biha, ma sabitx lill-imputati hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghhom u ghalhekk illiberathom mill-istess akkuza, izda fil-konfront ta' Herman McKay, wara li rat l-artikoli 49, 50, 334 u 334A tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap. 104, l-artikolu 26 (A.L. 128 ta' l-1994) tal-Kap. 65 u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat li l-imputat ikkolabora mal-Pulizija u stqarr il-htija tieghu fl-ewwel seduta u ghalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-kodici Kriminali kien xieraq, ikkundannatu li jhallas multa ta' hames mitt liri Maltin (LM500).
Fil-konfront ta' Stiano Agius, wara li rat l-artikoli 334 u 334A tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap. 104, l-artikolu 26 (A.L. 128 ta' l-1994) tal-Kap. 65 u l-artikolu 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat il-fedina penali netta, li l-imputat ikkolabora mal-Pulizija u stqarr il-htija tieghu fl-ewwel seduta u ghalhekk l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kien xieraq, ikkundannatu li jhallas multa ta' mitejn u hamsin liri Maltin (LM250) u ordnat il-konfiska tal-armi esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 t'Ottubru, 2003 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iliberat lill-imputati mill-akuza ta' serq, sabithom hatja ta' l-akkuzi kollha l-ohra w ordnat il-konfiska ta' l-armi esebiti, w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannathom li jhallsu multa fl-ammont premess, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa fis-sens illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti piena taht il-minimum ghar-ragunijiet li semmiet fis-sentenza w cioe' ghar-raguni li l-appellati kkollaboraw mal-pulizija w ammettew il-htija taghhom fl-ewwel seduta. Rigward l-ammissjoni bikrija , kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Joseph Bonello" [23.11.2000] din qatt ma giet konsidrata bhala xi raguni specjali jew straordinarja ghall-finijiet tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali

sabiex tigi imposta piena inqas mill-minimu preskritt . Tali ammissjoni tista' tigi kunsidrata mill-Qorti bhala fattur f' xi kazijiet u mhux b'mod tassattiv jew awtomatiku , biex ikun hemm mitigazzjoni fil-piena. Illi umbaghad l-appellati f'ebda mument ma kkolaboraw mall-Pulizija. Anzi ta' min jghid li Herman Mckay harab minn fuq il-post meta kien qed jigi nvestigat.

Rat in-Nota tal-appellati tal-11 ta' Novembru, 2003, li biha eccepew in-nullita' tar- rikors tal-appell stante li dan ma jissodisfax anzi jippekka kontra dak li trid il-ligi fl-artikolu 419 (1) (a) tal-Kodici Kriminali peress li ma fihx il-fatti fil-qosor.

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet it-trattazzjoni kemm dwar din l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors kif ukoll dwar il-mertu ghall kull buon fini;

Rat l-ordni taghha biex dan l-appell jigi rikjamat ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar il-pregudizzjali tan-nullita' tar-rikors tal-appell , jigi osservat li ghalkemm fil-fatt dar-rikors jiddedika paragrafu ghall-fatti fil-qosor, pero' f' dan il-paragrafu kull ma hemm dwar il-fatti tal-kaz ghad-distinzjoni ta' narrazzjoni ta' x'gara fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti hu testwalment dan :-

"…illi wara investigazzjoni kondotta mill-Pulizija rigward serq , oggetti misruqin u reati ohra konnessi , irrizulta li l-awturi ta' dawn ir-reati kienu Herman Mckay u Stiano Agius"

Illi l-Prosekuzzjoni argumentat illi ladarba kien hemm ammmissjoni , il-fatti fil-qosor kif esposti fir-rikors tal-appell mhux ser jaghmlu differenza . Issa apparti li ma hux korrett il-Prosekutur meta jghid li kien hemm ammissjoni , ghaliex l-appellati kkontestaw l-ewwel imputazzjoni ta' serq u ammettew biss l-akkuzi w addebiti l-ohra, l-vot tal-

ligi kontenut fl-artikolu 419 (1) (a) ma jaghmel ebda distinzjoni bejn appelli fejn ikun hemm ammissjoni w appelli minn sentenzi f'kawzi fejn il-htija tkun giet kontestata.

Issa hu ovvju li l-espozizzjoni tal-fatti kif saret fir-rikors tal-appell ma tistax tkun aktar xotta, arida u telegrafika milli hi w fil-fatt ma hemm xejn li jillumina lil din il-Qorti dwar il-fatti tar-reati dedotti nnifishom. U biex il-Qorti tkun taf dawn il-fatti trid f'dan il-kaz tisma x-xhieda, haga li ma tistax taghmel ovvjament ghax hadd ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti in vista tal-ammissjoni w tal-liberazzjoni mill-kap alternattiv ta' serq .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano (illum Prim. Imhallef) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994] :-

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor , ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontropoarti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta , u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

Fl-Appell kriminali **"Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**" [17.10.1997], din il-Qorti ukoll preseduta mill-Imhallef Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm *: "tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."*

Illi l-Qorti rat ukoll il-gurisprudenza kopjuza citata mill-appellati fin-nota taghhom fuq imsemmija w taqbel li din kollha tindika li fejn ikun hemm il-karenza tal-fatti fil-qosor, dan ghandu jwassal ghan-nullita' tar-rikors tal-appell sija jekk dan ikun tal-akkuzat u sija jekk ikun tal-Avukat Generali.

Illi jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti hija ukoll karenti ghal kollox u anki fatti bhal nghidu ahna li l-appellati ma ikkooperawx mall-pulizija u li addirittura wiehed minnhom harab – fatti li qed jigu dedotti mill-istess appellant biex isostnu t-tezi tieghu li ma kellhiex tinghata l-piena li inghatat , jissemmew f' parti ohra tar-rikors izda mhux fil-parti li tirrigwarda l-fatti fil-qosor.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-appellati w tiddikjara r-rikors tal-appell tal-Avukat Generali rritu w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta' nullita' mill-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------